MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Avviz Numru. 286/2009

**Juanafil Consultants Ltd.**

**Vs**

**Peter George Ware, PMW Engineering Ltd., Protectol Ltd., Light is Life Ltd.**

**Illum 6 ta' Ottubru 2014**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Juanafil Consultants Ltd. fl-4 ta' Awwissu 2009 permezz ta' liema titlob li Peter George Ware, PMW Engineering Ltd., Protectol Ltd. u Light is Life Ltd. jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' tlett elef hames mija disgha u sittin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€3,569.73), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut minn Peter George Ware ghal servizzi rezi, provvisti fornuti u spejjez inkorsi minnha in segwitu ghal u a bazi ta' skrittura privata bejn min-naha l-wahda Charles Attard ghas-socjetà Juanafil Consultants Ltd. u min-naha l-ohra Peter Ware ghad-ditta Protectol, bl-imghax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment mar-Rikors, kontra Peter George Ware, PMW Engineering Ltd., Protectol Ltd. u Light is Life Ltd.;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "JC1" u Dok. "JC2" a fol. 2 u 3 tal-process;

Rat ir-Risposta ta' Peter George Ware, PMW Engineering Ltd., Protectol Ltd. u Light is Life Ltd. permezz ta' liema jeccepixxu li: (i) preliminarjament Peter George Ware huwa ta' nazzjonalità Ingliza u jitlob li jigi notifikat bl-atti kollha tal-kaz odjern skond il-Ligi bil-lingwa Ingliza; (ii) kemm Peter George Ware kif ukoll PMW Engineering Ltd. u Light is Life Ltd. ma ghandhom xejn

x'jaghtu lis-socjetà attrici peress illi huma qatt ma kkontrattawha biex taghmel xi xoghlijiet ghalihom; (iii) is-socjetà Protectol Ltd. ma ghandhiex taghti lis-socjetà attrici is-somma mitluba stante li l-istess socjetà attrici naqset milli tonora l-ftehim maghmul bejnha u s-socjetà Protectol Limited u ghamlet anqas xoghol minn dak kontrattat; u (iv) is-socjetà Protectol Limited ghamlet diversi hlasijiet li ma jirrizultawx fil-konteggi tas-socjetà attrici;

Semghet ix-xhieda moghtija minn Theresa Attard waqt is-seduti tat-2 ta' Frar 2010[1] u ta' l-14 ta' Gunju 2012[2] u rat id-dokumenti esebiti minnha u markati Dok. "TA1" sa' Dok. "TA29" a fol. 14 sa' 42 tal-process, semghet ix-xhieda moghtija minn Jeffrey Scerri waqt is-seduta tat-2 ta' Frar 2010[3], semghet ix-xieda ta' Mario Micallef moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2010[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "MZ" u Dok. "MZ1" a fol. 49 sa' 52 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Dr. Charles Attard moghtija waqt is-seduti tal-11 ta' Mejju 2010[5], tat-2 ta' Frar 2011[6] u ta' l-24 ta' April 2012[7] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CA1" u Dok. "CA3" a fol. 56 tal-process u Dok. "CA2" u Dok. "CA4" sa' Dok. "CA7" a fol. 57 sa' 61 tal-process, semghet ix-xhieda moghtija minn Swarn Ware waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru 2010[8], rat id-dokumenti Dok. "FD1" u Dok. "FD2" esebiti mill-konvenut Peter George Ware permezz ta' Nota pprezentata fit-2 ta' Frar 2011 a fol. 71 sa' 73 tal-process;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà attrici a fol. 98 sa' 100 tal-process u rat in-Nota Responsiva tal-konvenuti a fol. 102 sa' 105 tal-process;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li l-konvenuti Peter George Ware, PMW Engineering Ltd., Protectol Ltd. u Light is Life Ltd. jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' €3,569.73 rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut ghal servizzi rezi, provvisti fornuti u spejjez inkorsi mill-istess socjetà attrici in segwitu ghal u a bazi ta' skrittura privata bejn min-naha l-wahda Charles Attard ghas-socjetà attrici u min-naha l-ohra Peter Ware ghad-ditta Protectol. Il-konvenuti jilqaghu ghat-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) preliminarjament, il-konvenut Peter George Ware huwa ta' nazzjonalità Ingliza u jitlob li jigi notifikat bl-atti kollha tal-kaz odjern skond il-Ligi bil-

[1] Fol. 11 sa' 13 tal-process.

[2] Fol. 93 sa' 96 tal-process.

[3] Fol. 43 u 44 tal-process.

[4] Fol. 47 u 48 tal-process.

[5] Fol. 53 sa' 55 tal-process.

[6] Fol. 68 sa' 70 tal-process.

[7] Fol. 90 u 91 tal-process.

[8] Fol. 63 sa' 66 tal-process.

lingwa Ingliza; (ii) il-konvenuti Peter George Ware, PMW Engineering Ltd. u Light is Life Ltd. ma ghandhom xejn x'jaghtu lis-socjetà attrici peress li huma qatt ma kkontrattawha sabiex taghmel xi xoghlijiet ghalihom; (iii) is-socjetà konvenuta Protectol Ltd. ma ghandhiex taghti s-somma mitluba lis-socjetà attrici stante li l-istess socjetà attrici naqset milli tonora l-ftehim li kien hemm bejnha u Protectol Ltd. u ghamlet inqas xoghol minn dak kontrattat; u (iv) is-socjetà Protectol Ltd. ghamlet diversi hlasijiet li ma jirrizultawx fil-konteggi tas-socjetà attrici.

Qabel ma tittratta dwar il-mertu ta' dawn il-proceduri l-Qorti tosserva li mill-atti processwali ma jirrizultax jekk il-konvenut Peter George Ware giex notifikat bl-atti tal-kaz bil-lingwa Ingliza jew inkella le, izda mill-istess atti ma jirrizultax li huwa jew xi hadd mill-konvenuti l-ohra baqa' jinsisti fuq din l-eccezzjoni. Fil-fehma tal-Qorti dan ifisser li jew il-konvenut Peter George Ware effettivament gie notifikat bl-atti tal-kawza bil-lingwa Ingliza jew li inkella tilef l-interess f'tali eccezzjoni. Hi x'inhi r-raguni ghalfejn il-konvenuti ma baqghux jinsistu fuq din l-eccezzjoni, il-proceduri tkomplew, il-partijiet kontendenti ressqu l-provi u s-sottomissjonijiet taghhom u l-kawza thalliet ghas-sentenza. Il-Qorti ghalhekk tqis li ma ghandhiex tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni u minflok ghandha tghaddi biex tittratta u tiddermina t-talba attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenuti.

Mir-Rikors promotur jirrizulta li s-socjetà attrici tibbaza t-talba taghha kontra l-konvenuti fuq skrittura privata datata 28 ta' Frar 2004, iffirmata minn Charles Attard ghan-nom ta' l-istess socjetà u l-konvenut Peter George Ware ghan-nom tad-ditta Protectol, liema skrittura giet esebita mis-socjetà attrici bhala Dok. "JC1" a fol. 2 tal-process. Bis-sahha ta' dik l-iskrittura privata *Juanafil Consultants Ltd. are hereby being appointed as Management Consultants and to organize the Business as follows: 1) Book Keeping; 2) Control; 3) Advice; 4) Representations. The remuneration for this work, that will be performed on a call per week basis, is Lm150 per month. Protectol can terminate this agreement giving 1 month notice and paying pending bills with Juanafil.*

Ghalkemm il-proceduri odjerni gew istitwiti fil-konfront ta' Peter George Ware, PMW Engineering Ltd., Protectol Ltd. u Light is Life Ltd., is-socjetà attrici tikkotendi li l-ammont ta' €3,569.73 minnha pretiz hu dovut lilha minn Peter George Ware in bazi appuntu ghall-iskrittura privata tat-28 ta' Frar 2004. Is-socjetà attrici ssostni din il-pretensjoni fuq il-fatt li fiz-zmien meta giet iffirmata l-iskrittura privata in kwistjoni Peter George Ware ma kellux socjetajiet kostitwiti u registrati hawn Malta u s-socjetajiet konvenuti Protectol Ltd., PMW Engineering Ltd. u Light is Life Ltd. gew kostitwiti u registrati zmien wara li giet iffirmata l-imsemmija skrittura. Fid-dawl ta' dan ghalhekk l-inkarigu gie moghti lilha minn Peter George Ware f'ismu personali u mhux f'isem xi wahda jew iktar mis-socjetajiet konvenuti u ghalkemm wara li gew kostitwiti u registrati l-imsemmija tlett socjetajiet hi bdiet taghmel xoghol

ghalihom ukoll, il-ftehim originali baqa' ma inbidilx u l-inkarigu xorta wahda baqa' dak moghti minn Peter George Ware f'ismu personali.

In sostenn ta' din il-pretensjoni s-socjetà attrici ressqet bhala xhieda lil Theresa Attard, azzjonista fi u *executive secretary* ta' l-istess socjetà, u lil Dr. Charles Attard, azzjonist fi u Direttur tas-socjetà.

F'tali rigward Theresa Attard xehdet illi *niftakar illi Dr. Attard, ir-ragel tieghi, kien iltaqa' ma' l-intimat Peter Ware u ftehmu illi s-socjetà rikorrenti kellha tiehu hsieb il-kotba tieghu. Charles personalment kien johodlu hsieb l-accounts ta' l-intimat u kien johodlu hsieb l-affarijiet generali tal-kumpaniji tieghu. Fil-fatt meta sar l-ewwel ftehim ma' l-intimat ma kellux kumpaniji u l-ftehim kien sar mieghu personlament u imbaghad iktar 'l quddiem kien waqqaf tlett kumpaniji, dawn kien jisimhom PMW Engineering Limited, Protectol Limited u ghandu l-ohra bl-isem Light is Life Limited. Meta l-intimat waqqaf il-kumpaniji li semmejt, is-socjetà rikorrenti bdiet taghmel l-istess xoghlijiet lil dawn l-istess kumpaniji però bqajna a bazi ta' l-istess ftehim originali naghmlu dan ix-xoghol. Fil-fatt il-kumpaniji li semmejt li waqqaf l-intimat Ware, konna ghamilna x-xoghlijiet taghhom biex jitwaqqfu ahna stess, tramite s-socjetà intimata u konna ghamilna l-applikazzjonijiet necessarji biex dawn jigu rikonoxxuti*[9].

Dr. Charles Attard xehed illi *jiena iltaqjt l-ewwel darba ma' l-intimat Peter Ware meta kien qed jagixxi f'ismu personali u jixtri going concern. Fil-fatt kien lahaq iffirma u xtara s-socjetà Protectol u ried jiftah socjetajiet ohra Malta. Nippreciza li hu ma xtarax is-socjetà Protectol Limited izda biss xtara l-avvjament taghha. F'dak il-perijodu l-intimat Ware kellu awditur u accountant certu Renald Busuttil li rrizulta li ghal xi raguni ma setax jaghmillu kumpanija f'ismu. Ghalhekk gie referit lili biex naghmillu kumpanija f'ismu biex jibda jopera. Jiena komplejt nahdem fuq il-kumpanija li bdielu dan Renald Busuttil bl-isem PMW Engineering Limited sabiex hu jkun jista' jahdem f'Malta. Ir-relazzjoni tieghi u tas-socjetà li qed nirrapprezenta dejjem kienet personlament ma' l-intimat Ware anke meta irrapprezentajtu fuq kuntratti ta' kirjiet li hu ghamilhom f'ismu personali. Minn zmien ghal zmien talabni wkoll niffurmalu zewg socjetajiet ohra. Wahda bl-isem ta' Protectol Limited u l-ohra bl-isem ta' Light is Life Limited. Dan ghaliex jirrizulta li l-intimat kien inghata parir minghand xi hadd legali li ghal kull attività kummercjali diversa hu jkollu kumpanija separata. Ghalhekk inghata parir li l-makkinarju second hand li jimporta kien jimpurtah f'isem PMW Engineering Limited, is-servizzi ta' rust proofing tal-karozzi kien se jbieghhom tramite l-kumpanija Light is Life Limited. Ghaldaqstant jiena kont nohodlu hsieb il-konteggi kollha principalment tieghu personali ghal finijiet ta' taxxa w ukoll ghat-tlett kumpaniji li ghadni kemm semmejt illi kont iffurmajthomlu jiena stess. Xoghol ancillari kien illi jiena nohodlu hsieb il-permess ta' impjieg mal-Korporazzjoni ta' Tahrig ta'*

[9] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Frar 2010 a fol. 11 sa' 13 tal-process.

*persuna barranija minn dawn il-klandestini. Dan l-ahhhar kont gejt inkarigat mill-istess impjegat Ware biex nigbor xi flus minghand klijent partikulari li kellu. Il-hlas tieghi kien jigi minghand Peter Ware personali u dan bi struzzjonijiet diretti ta' l-intimat Ware u tal-mara tieghu. Qed nipprezenta cekk li qed jigi mmarkat Dok. CA1 animo ritirandi flimkien ma' l-istruzzjonijiet li l-mara tieghu tat lil certu manager li jismu Jeffrey biex jiena nithallas. Dan ic-cekk in kwistjoni jammonta ghal tnax-il elf Euro liema cekk ma giex onorat mill-bank kif jidher mill-istess skrittura bil-kulur ahmar fuq l-istess cekk*[10]. In kontro-ezami waqt is-seduta tat-2 ta' Frar 2011[11], Dr. Charles Attard rega' tenna li *l-intimat Peter George Ware kien qabbadni bhala Juanafil Consultants Limited biex naghmillu xi xoghlijiet. Nixtieq nippreciza wkoll illi meta l-intimat Ware qabbadni u qabbad lil kumpanija tieghi biex tassistih, il-kumpaniji tieghu kienu ghadhom m'humiex iffurmati.*

Din il-pretensjoni tas-socjetà attrici hija kontestata mill-konvenut Peter George Ware u in fatti fir-Risposta ghar-Rikors promotur gie eccepit illi *kemm Peter George Ware kif ukoll PMW Engineering Limited u Light is Life Limited ma ghandhom xejn x'jaghtu lis-socjetà attrici peress illi huma qatt ma kkontrattwaha sabiex taghmel xi xoghlijiet ghaliha.* Mill-istess Risposta jirrizulta li l-konvenuti, fosthom Peter George Ware, jikkontendu li hija s-socjetà konvenuta Protectol Limited li kellha relazzjoni lavorattiva u quindi guridika mas-socjetà attrici, ghalkemm jikkontendu wkoll – ghar-ragunijiet moghtija fl-istess Risposta – li din is-socjetà ma ghandha taghti xejn lis-socjetà attrici. Minkejja d-difiza adottata mill-konvenuti fir-rigward tar-relazzjoni guridika mas-socjetà attrici, l-istess konvenuti naqsu milli jressqu prova sodisfacenti in sostenn ta' l-istess, u cioè li r-relazzjoni guridika tas-socjetà attrici ma kenitx ma' Peter George Ware f'ismu personali izda se mai mas-socjetà Protectol Limited.

Huwa minnu li mill-iskrittura privata tat-28 ta' Frar 2004 jirrizulta li Peter George Ware iffirma *for Protectol* izda imkien minn dik l-istess skrittura – li hija redatta fuq *letter head* ta' Protectol Rustproofing Centre – ma jirrizulta li dak iz-zmien is-socjetà Protectol Limited kienet validament kostitwita u registrata u li ghalhekk Peter George Ware kien qed jidher ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjetà. Ladarba s-socjetà attrici tikkontendi li dak iz-zmien is-socjetà Protectol Limited, kif ukoll iz-zewg socjetajiet l-ohra, ma kenitx kostitwita u registrata, kien jispetta lill-konvenuti li jressqu l-prova kuntrarja. Ghalkemm din il-prova setghet facilment tingieb mir-Registru tal-Kumpanniji, ghal xi raguni l-konvenuti ma ressquhiex anzi in kontro-ezami Swarn Ware, mart il-konvenut Peter George Ware u l-unika xhud in ezami prodotta mill-konvenuti, iddikjarat *asked where the company involved in this litigation are registered, I say that I do not know*[12].

---

[10] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2010, fol. 53 sa' 55 tal-process.

[11] Fol. 68 sa' 70 tal-process.

[12] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru 2010, fol. 63 sa' 66 tal-process.

Mill-istess skrittura privata jirrizulta li huwa iktar plawsibbli li Protectol dak iz-zmien kienet id-ditta, ossia l-isem, li biha Peter George Ware kien imexxi n-negozju tieghu u ghalhekk is-socjetà attrici gustament tikkontendi li r-relazzjoni guridika nascenti minn dik l-iskrittura privata kienet ma' Peter George Ware f'ismu personali. Kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet Peter Tabone noe v. Charles Grech pro et noe, Citaz. Nru. 286/91 deciza fis-7 ta' Dicembru 2004, *ditta ma hijiex hlief l-isem li bih negozjant imexxi n-negozju tieghu; ma hijiex persuna legali u l-personalità wara d-ditta tibqa' dejjem dik tan-negozjant stess: La ditta è il nome con cui il negoziante esercita il commercio. Senza un commerciante non è concepibile una ditta, come non è concepibile un cittadino senza nome. La ditta esiste perchè esiste il commerciante, e non ha alcuna esistenza fuori di lui. Chi le attribuisce una personalità guridica propria e distinta, chi considera il commerciante come il rappresentante della medesima dice una cosa che non ha senso nè per diritto, nè per la pratica commerciale. È lui, il commerciante, il solo padrone della ditta, il soggetto dei diritti che si esercitano coll'uso della medesima: in lui, nella sua rettitudine, nella sua solvibilità si affidano i terzi; la ditta non è che un contrassegno per distinguerlo dagli altri commercianti.*

B'hekk bis-sahha ta' dik l-iskrittura privata Peter George Ware f'ismu personali inkariga lis-socjetà attrici bhala Management Consultant biex torganizzalu u tohodlu hsieb in-negozju tieghu, li in segwitu ghal dik l-istess skrittura beda jitmexxa tramite diversi kumpaniji distinti – ossia Protectol Limited, PMW Engineering Limited u Light is Life Limited – u ghaldaqstant huwa Peter George Ware f'ismu personali li huwa responsabbli versu s-socjetà attrici ghall-hlas tas-somma ta' Lm150 fix-xahar konkordata bhala remunerazzjoni ghas-servizzi minnha prestati lilu.

Mill-atti processwali u senjatament mix-xhieda ta' Theresa Attard moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Frar 2010[13] u mid-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "TA1" sa' Dok. "TA29" a fol. 14 sa' 42 tal-process, jirrizulta li s-somma pretiza ta' €3,569.73 effettivament tikkonsisti minn ammont rapprezentanti r-remunerazzjoni dovuta lis-socjetà attrici ghas-servizzi prestati tul ix-xhur ta' Ottubru 2008, Novembru 2008, Dicembru 2008, Jannar 2009, Frar 2009, Marzu 2009 u Mejju 2009 kif ukoll minn ammont ulterjuri rapprezentanti diversi spejjez – ossia *disbursements* – inkorsi mis-socjetà attrici ghall-konvenut Peter George Ware u ghas-socjetajiet tieghu.

Mill-imsemmija dokumenti jirrizulta li mis-somma globali ta' €3,569.73 is-somma ta' €2,450 tirrapprezenta r-remunerazzjoni ghas-servizzi rezi tul ix-xhur ta' Ottubru 2008, Novembru 2008, Dicembru 2008, Jannar 2009, Frar 2009, Marzu 2009 u Mejju 2009, filwaqt li s-somma bilancjali ta' €1,119.73 tirrapprezenta diversi spejjez inkorsi mis-socjetà attrici ghall-konvenut Peter George Ware u l-kumpaniji tieghu.

[13] Fol. 11 sa' 13 tal-process.

Dr. Charles Attard ukoll ikkonferma li apparte li kienet tippresta s-servizzi pattwiti fl-iskrittura privata tat-28 ta' Frar 2004, *is-socjetà rikorrenti kienet tahdem ukoll il-kontegg u l-bolol tal-haddiema tas-socjetà Protectol Limited u l-istess ghas-socjetajiet l-ohra intimati. Fil-fatt l-intimat kien itina struzzjonijiet biex inhallsulu l-bolol ghan-nom tal-kumpanniji tieghu w imbaghad hu kien ihallas lilna. Fil-fatt it-talba ghall-hlas quddiem din il-Qorti tikkomprendi kemm zburzamenti li saru f'dan is-sens mis-socjetà rikorrenti u kif ukoll ghal servizzi rezi lill-istess intmati*[14]. Waqt is-seduta ta' l-24 ta' April 2012[15], in kontro-ezami Dr. Charles Attard tenna li *s-somma li jiena qed nitlob fir-Rikors promotur tirrapprezenta management fee ghas-servizzi li kont nirrendi u din kienet pattwita attwalment bejni u bejn il-konvenut, kif ukoll spejjez li jiena kont hrigt bhala disbursement. Fil-fatt id-disbursements li qed nitlob lura huma flus li hargu mill-kont tas-socjetà attrici. Ghalkemm ma kellix instructions specifici illi nitlob l-awtorizzazzjoni minghandhom biex nohrog l-ispejjez mill-kontijiet tas-socjetà attrici, nghid li kien hemm okkazzjonijiet fejn cheques tal-konvenuti bbownsjaw u biex ma jkollhomx problemi ma' min qed ihallsu kienu tawni struzzjonijiet biex nohrog il-pagamenti relattivi mill-kontijiet tas-socjetà attrici. Istruzzjonijiet minghand il-konvenut ma kontx nehodhom bil-miktub izda dejjem imxejna li dejjem icempilli u jaghtihomli verbalment fuq it-telefon. Fil-fatt l-istruzzjonijiet kont nircevihom kemm minghand il-konvenut kif ukoll minghand il-mara tieghu. Nikkonferma illi l-hlas li kelli niehu minghand il-konvenut kienet ta' somma fissa pattwita fix-xahar, l-ammont bl-ezatt madanakollu ma niftakrux izda jirrizulta mill-atti tal-kawza. Din is-somma kienet tirrapprezenta biss is-servizzi u ma kienetx tinkludi d-disbursements. Nikkonferma li r-retainer bejnientna kien bil-miktub. Jiena nikkonferma li bejni u bejn il-konvenut kien hemm contract of engagement bil-miktub. Originarjament l-engagement tieghi kien ma' kumpanija wahda, maz-zmien il-kumpaniji zdiedu però r-retainer baqa' l-istess. L-engagement tieghi kien mal-konvenut personalment u allura zdiedu kemm zdiedu kumpaniji matul iz-zmien jiena xorta bqajt noffri s-servizzi tieghi. Nikkonferma li ghalkemm zdiedu n-numru ta' kumpaniji li kont niehu hsiebhom, ma zdiedx ir-retainer, ghar-raguni li r-relazzjoni tieghi kienet mal-konvenut u mal-mara tieghu. Id-disbursements li qed naghmel referenza ghalihom huma l-FS5 u l-bollol li kellhom jithallsu w affarijiet ohra relatati mal-business tal-konvenut.*

Ghalkemm id-*disbursements* pretizi mis-socjetà attrici kienu relatati man-negozju tal-konvenut Peter George Ware, il-Qorti hi tal-fehma li r-refuzjoni ta' l-istess ma ghandhiex tigi akkollata esklussivament lill-istess konvenut u dana ghar-raguni li: (i) il-hlas ta' tali *disbursements* ma johrogx mill-iskrittura privata tat-28 ta' Frar 2004 jew mill-*engagement* rizultanti mill-istess skrittura izda kienu hlasijiet li jsiru fuq struzzjonijiet specifici moghtija minn zmien ghal zmien mill-konvenut Peter George Ware in rapprezentanza tas-socjetà li jkollha bzonn tkun koperta b'dik l-ispiza; u li (ii) il-maggor parti ta'

[14] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2010, fol. 53 sa' 55 tal-process.

[15] Fol. 90 u 91 tal-process.

dawn id-*disbursements* jirrapprezentaw hlas ta' FS5 u VAT effettwat ghan-nom ta' uhud mill-kumpanniji tal-konvenut Peter George Ware. B'hekk il-Qorti hi tal-fehma li kull kumpanija individwali ghal liema giet sborsata l-ispiza relattiva mis-socjetà attrici ghandha tirrifondi tali spiza lill-imsemmija socjetà. Spejjez ohra mhux relatati mal-kumpaniji tal-konvenut Peter George Ware ghandhom jigu refuzi lis-socjetà attrici mill-istess konvenut.

Mix-xhieda moghtija minn Swarn Ware, mart il-konvenut, waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru 2010[16], jirrizulta li l-konvenuti mhux qed jikkontestaw id-*disbursements* li harget is-socjetà attrici u konsegwentment ma humiex u lanqas jistghu jitqiesu li qed jikkontestaw it-talba ghar-refuzjoni ta' tali *disbursements*. Il-kontestazzjoni taghhom tirrigwarda t-talba ghall-hlas tar-remunerazzjoni ghas-servizzi prestati mis-socjetà attrici stante li skonthom l-imsemmija socjetà ma qdietx l-inkarigu lilha fdat bil-mod stipulat fl-iskrittura privata tat-28 ta' Frar 2004 u li fil-konteggi taghha naqset milli tiehu in konsiderazzjoni xi hlasijiet effettwati minnhom. In effetti Swarn Ware iddikjarat li *asked if I am contesting any item of these accounts* [ossia r-rendikont a fol. 3 tal-process] *I say as regards the first item therein concerning three hundred and fifty euros, and I am also contesting the management fees for the periods March and May. I am contesting the first item on these set of accounts because I told that the amount there indicated was already paid in November 2008. As regards the management fee claim in this set of accounts in fol.3 I hold that no such service was given to my company and therefore the amount claimed is not due.*

In kwantu rigwarda d-*disbursements* li taghhom is-socjetà attrici tippretendi ir-refuzjoni, dawn ghandhom jithallsu bil-mod segwenti: (i) is-somma ta' €579.75 rapprezentanti l-ispejjez rizultanti mid-dokumenti Dok. "TA2" u Dok. "TA3" a fol. 15 u 16 tal-process, Dok. "TA4" sa' Dok. "TA7" a fol. 17 sa' 20 tal-process, Dok. "TA8" sa' Dok. "TA11" a fol. 21 sa' 24 tal-process, Dok. "TA12" sa' Dok. "TA15" a fol. 25 sa' 28 tal-process u Dok. "TA29" a fol. 42 tal-process mis-socjetà PMW Engineering Limited; (ii) is-somma ta' €369.98 rapprezentanti l-ispejjez rizultanti mid-dokumenti Dok. "TA16" sa' Dok. "TA19" a fol. 29 sa' 32 tal-process, Dok. "TA20" sa' Dok. "TA23" a fol. 33 sa' 36 tal-process u Dok. "TA24" sa' Dok. "TA27" a fol. 37 sa' 40 tal-process mis-socjetà Protectol Limited; u (iii) ir-rimanenti somma ta' €170 rapprezentanti spejjez ghall-akkwist ta' *1 Fax/Scan/Printer HP* u *USB Cable* mill-konvenut Peter George Ware. Ebda ammont ma jirrizulta li hu dovut lis-socjetà attrici mis-socjetà konvenuta Light is Life Limited.

In kwantu rigwarda r-remunerazzjoni dovuta mill-konvenut Peter George Ware f'ismu personali lis-socjetà attrici ghas-servizzi prestati minnha jigi osservat li ghalkemm Swarn Ware tikkontendi li l-*management fee* ghax-xahar ta' Ottubru 2008 thallset f'Novembru 2008, ma tressqet l-ebda forma ta' prova f'dan ir-rigward u ghalhekk tali kontestazzjoni bbazata fuq allegat

[16] Fol. 63 sa' 66 tal-process.

pagament ma ghandhiex u ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti. Madanakollu però mid-dokument Dok. “FD2” a fol. 73 tal-process, li huwa cheque tal-Bank of Valletta datat 13 ta’ Marzu 2009 ghall-valur ta’ €350 a favur is-socjetà attrici, jirrizulta li s-socjetà attrici rceviet hlas ta’ €350 liema hlas ma huwiex rifless fil-konteggi taghha. Certament dan ic-cheque ma jkoprix ir-remunerazzjoni dovuta ghax-xahar ta’ April 2009 stante li s-socjetà attrici kienet tithallas bix-xahar b’lura u mhux bil-quddiem u li l-hlas tar-remunerazzjoni ghax-xahar ta’ April 2009 – liema hlas ittiehed in konsiderazzjoni mis-socjetà attrici fil-konteggi taghha – jirrizulta minn e-mail datata 4 ta’ Mejju 2009 esebita bhala Dok. “FD1” a fol. 72 tal-process. Is-socjetà attrici ma ressqet l-ebda prova li ma rcevietx dan ic-cheque jew li l-istess ma giex onorat u l-Qorti ghalhekk tqis li tali hlas fil-fatt gie minnha percepit u bhala tali ghandha titnaqqas is-somma ta’ €350 mill-ammont pretiz mis-socjetà attrici bhala remunerazzjoni ghas-servizzi prestati minnha.

In kwantu rigwarda l-allegata inadempjenza kontrattwali tas-socjetà attrici, il-Qorti ma hijiex affattu sodisfatta bil-livell ta’ provi fir-rigward avvanzati mill-konvenuti tramite x-xhud Swarn Ware. Ghalkemm l-imsemmija Swarn Ware tikkontendi li s-socjetà attrici ma kenitx taqdi l-inkarigu taghha bil-mod stipulat, ix-xhieda taghha hija generika wisq u ma taghtix indikazzjoni cara u konkreta ta’ l-allegata inadempjenza da parte tas-socjetà attrici. Apparte minn hekk Swarn Ware tikkontendi li s-socjetà attrici prattikament mill-bidu nett ta’ l-inkarigu fdat lilha ma kenitx qed taqdi tali inkarigu bil-mod stipulat u kif minnha mistenni izda, minkejja dan l-allegat fatt il-konvenut Peter George Ware stranament ma ezercitax id-dritt li jittermina l-kuntratt li kellu mas-socjetà attrici, dritt del resto previst fl-iskrittura privata tat-28 ta’ Frar 2004 fejn appuntu huwa stipulat li *Protectol can terminate this agreement giving 1 month notice and paying pending bills with Juanafil*, izda baqa’ jinqeda bis-servizzi taghha sa’ prattikament nofs is-sena 2009. Fid-dawl ta’ dan ghalhekk il-Qorti difficilment tista’ taccetta u tqis bhala veritiera l-allegazzjoni li s-socjetà attrici ma ottemperatx ruhha mal-ftehim li kellha mal-konvenut. U konsegwentement ghandha dritt tithallas ghas-servizzi prestati minnha, tenut kont però tas-somma ta' €350 li ma hijiex riflessa fil-konteggi taghha.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Qorti tqis li l-konvenut Peter George Ware ghandu jhallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €2,100 ghas-servizzi minnha prestati lilu.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-tieni eccezzjoni in kwantu rigwarda biss is-socjetà Light is Life Ltd. u konsegwentement tilliberaha mill-osservanza tal-guridizzju, izda tichad it-tieni eccezzjoni in kwantu rigward Peter George Ware, PMW Engineering Ltd. u Protectol Ltd. u tichad ukoll it-tielet u raba' eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ammont komplessiv ta' €3,219.73, liema ammont ghandu jithallas in kwantu ghal €2,100 bhala remunerazzjoni ghal servizzi rezi u ghal €170 bhala *disbursements* minn Peter George Ware,

€579.75 bhala *disbursements* mis-socjetà PMW Engineering Ltd. u in kwantu ghal €369.98 bhala *disbursements* mis-socjetà Protectol Ltd. u konsegwentement tikkundanna: (i) lil Peter George Ware ihallas lis-socjetà attrici s-somma komplessiva ta' €2,270, bl-imghax legali dekoribbli mill-4 ta' Awwissu 2009 (id-data tal-prezentata tar-Rikors promotur) sad-data ta' l-effettiv pagament; (ii) lis-socjetà PMW Engineering Ltd. thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €579.95, bl-imghax legali dekoribbli mill-4 ta' Awwissu 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament; u (iii) lis-socjetà Protectol Ltd. thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €369.98, bl-imghax legali dekoribbli mill-4 ta' Awwissu 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk relattivi ghall-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment mar-Rikors promotur, ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal 3/4 mill-konvenut Peter George Ware u inkwantu ghal 1/8 kull wahda mis-socjetajiet PMW Engineering Ltd. u Protectol Ltd.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------